MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1365/1997/1

**Rose Gauci**

**vs**

**Salvatore sive Salvu Gauci**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-process datata 16 ta' Gunju 1997 fejn l-attrici ppremettiet illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta' Frar 1971 kif jirrizulta mill-anness certifikat markat Dok. "A";

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat ingurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut;

Illi miz-zwieg twieled tifel li llum huwa maggoreni skond ma jirrizulta mill-anness certifikat markat bhala Dok. “B”;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond digriet tas-Sekond’ Awla numru 456/97, kopja ta’ liema tinsab esebita bhala Dok. “C” biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Illi l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid l-ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tfal minuri taghha;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma u okkorrendo ta’ Nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

4. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta’ perit nominandi.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol. 3 tal-process kif ukoll l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti a fol. 4 tal-process.

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat (*vide tergo* tal-fol. 10 u fol. 11 rispettivament) izda baqa’ ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu u b’hekk gie kontumaci.

Rat ir-rikors ipprezentat fl-24 ta’ Mejju 1999 (fol. 29) fejn il-konvenut talab li din il-Qorti tawtorizzah sabiex jipprezenta n-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu.

Rat is-sentenza taghha datata 22 ta’ Frar 2000 fejn din il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu.

Rat il-verbal taghha tas-6 ta’ April 2000 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-konvenut ipprezentat fl-24 ta’ April 2000 fejn talab illi l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u li tordna illi din il-kawza u l-kawza l-ohra ntavolata mill-konvenut jigu mismughin flimkien u dana a tenur ta’ l-**artikolu 402 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Rat ix-xhieda tal-konvenut Salvatore Gauci datata 17 ta’ Gunju 1999 u ta’ l-avukat Dr. Hose’ Herrera tal-1 ta’ Lulju 1999.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici u r-replika ta’ l-istess konvenut ghar-rikors tieghu hawn appena imsemmi.

Rat id-Decizjoni taghha datata 22 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja kontenuta fir-rikors tieghu tal-24 ta’ Mejju 1999, *stante* li gie deciz li l-konvenut ma’ rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 24 ta’ April 2000, u n-nota tal-konvenut datata 4 ta’ Mejju 2000, u r-risposta attrici ghall-istess rikors datata 15 ta’ Mejju 2000, u fl-ahharnett ir-replika tal-konvenut datata 24 ta’ Mejju 2000.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Gunju 2000, d-Digriet taghha tal-14 ta’ Gunju 2000, fejn din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat illi din il-kawza u l-kawza bic-citazzjoni numru 719/2000/NA jinstemghu flimkien a tenur tal-**artikolu 402 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Rat in-nota pprezentata mill-konvenut datata 19 ta' Novembru 1999.

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Frar 1999, 9 ta' Gunju 1999, l-1 ta' Lulju 1999, 5 ta' Ottubru 1999, 18 ta' Novembru 1999, l-10 ta' Dicembru 1999, tat-22 ta' Frar 2000, tas-6 ta' April 2000, 14 ta' Gunju 2000, 10 ta' Lulju 2000, 19 ta' Ottubru 2000, 23 ta' Jannar 2001, 29 ta' Mejju 2001, 11 ta' Ottubru 2001, 11 ta' Dicembru 2001, u 9 ta' April 2002.

Rat ix-xhieda quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli nkluz is-seduti tat-22 ta' April 1999 fejn xehdet l-attrici, tad-19 ta' Mejju 1999 fejn regghet xehdet l-attrici li jinsabu f'dan il-process.

Rat ix-xhieda quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli fil-kawza fl-ismijiet **inversi "Salvatore Gauci vs Rose Gauci"** (Citaz. Numru 719/2000/RCP), inkluza dik ta' Doris Camilleri u Charlot Farrugia fil-11 ta' Ottubru 2000, 10 ta' Mejju 2001, 14 ta' Gunju 2001, ta' Lawrence Attard fil-11 ta' Settembru 2001, 12 ta' Ottubru 2001, ta' Romina McKay u James Mckay fid-29 ta' Novembru 2001, u tas-Supretendent Joseph Valletta fit-12 ta' Dicembru 2001.

Rat ix-xhieda fil-kawza fl-ismijiet inversi "Salvatore Gauci vs Rose Gauci" (Citaz. Numru 719/2000/RCP) tal-konvenut fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2001.

Rat in-nota tal-attrici datata 9 ta' Gunju 1999.

Rat il-verbal maghmul mid-difensuri tal-partijiet fid-29 ta' Novembru 2001, fejn qablu illi l-provi li kienu ngabru fil-kawza fl-ismijiet inversi ghandhom jigu nseriti u japplikaw fil-kawza odjerna.

Rat il-verbal tad-9 ta' April 2002, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

Rat li *nonostante* d-digriet tal-Qorti datat 9 ta' April 2002, l-ebda wahda mill-partijiet ma pprezentat nota ta' osservazzjonijiet fit-terminu hemm moghti.

Rat ix-xhieda tal-attrici u d-Dokument "A" u tordna l-korrezzjoni fl-att tac-citazzjoni attrici b'dan li d-data taz-zwieg bejn l-kontendenti ghandha tigi ndikata bhala s-6 ta' Frar 1971 u mhux it-12 ta' Frar 1971, u din il-korrezzjoni ghandha ssir kull fejn tirrikorri fl-atti kollha ta' din il-kawza.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## <u>II. PROVI.</u>

Illi fit-22 ta' April 1999 xehdet **Rose Gauci**. Hija qalet illi d-data taz-zwieg taghha kellha tkun 6 ta' Frar 1971 u mhux 12 ta' Frar 1971. Tghid illi zewgha l-konvenut kien mar il-habs diversi drabi u li kienet anke sahansitra qabditu ma' habibha taghha. Tghid ukoll illi fi Frar 1996 zewgha l-konvenut kien qabad isawwatha fil-prezenza ta' zewg hutha. Tghid illi wara dan l-incident, hija ma regghetx marret lura d-dar. Kien hemm diversi ncidenti fejn l-attrici sfat imsawta diversi drabi mill-konvenut u dan anke kif jirrizulta mix-xhieda taghha stess.

Illi l-istess attrici tghid li *"fl-20 ta' Marzu, 1996 jiena kont ghand ommi u kont qed nilbes ghax ridt immur il-Qorti sabiex l-avukat tieghi jtini d-data tas-separazzjoni. Dan kien ghal xi t-8:20a.m. – 8:30a.m. Huwa gie biex ikellimni u jien inzilt inkellmu barra t-triq. Huwa ried li jiena mmur lura d-dar u jien irrifjutajt. Imbaghad qabad jghajjat u telaq. Jien bdejt nibza' nohrog u allura bqajt id-dar. Imbaghad Lydia u Anna gew id-dar u mid-dar telqu flimkien biex imorru l-Qorti. Anna biex taghmel garanzija lilu u Lydia riedet tmur ghal xi affarijiet personali taghha. Xi ghaxar minuti wara cemplet Lydia u qaltli li zewgi kien ta daqqa ta' sikkina lil Anna. Jien cempilt id-Depot biex ninfurmhom b'dak li kien gara, u kif poggejt it-telefon f'postu dan rega' cempel u kien zewgi Salvu li qalli "mur igbor lil ohtok mill-art. Issa nigi ghalik. Int jmiss". Jiena*

*ergajt cempilt id-Depot biex ninfurmahom bid-diskors li kien qalli, bqajt id-dar, hu gie arrestat u jien ma rajtux aktar".*

Illi l-attrici tghid ukoll li l-kontenut tad-dar inxtraw kollha bil-flus li kienet taqla hi meta kienet tahdem.

Illi l-attrici esebit lista (a fol. 23) ta' ghamara u oggetti li kien hemm fid-dar matrimonjali meta hija kienet telqet lil zewgha fi Frar 1996. Hija tghid illi hafna mid-deheb kien taht rahan il-ghaliex zewgha l-konvenut kien jissellef hafna flus. Tghid ukoll illi ghad hemm arretrati ta' kera tad-dar li tinsab mikrija minghand il-Gvern, u arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl, ilma u telefon.

Illi fis-seduta ta` l-10 ta` Lulju 2000 xehed il-konvenut **Salvatore Gauci** fejn qal illi huwa jaf illi martu ghamlet sena tohrog ma' certu persuna jismu Lorry u mlaqqam "il-Qoru". Dan ir-ragel joqghod Rahal Gdid. Dan kien ghal habta tal-1982. Wara kien hemm persuna ohra li jisimha Salvu mill-Hamrun. Dan l-ahhar kienet qeghda ma' certu Joe Vassallo.

Illi ghar-rigward tal-komunjoni ta` l-akkwisti, dan ix-xhud jispjega illi ghad fadal l-ghamara tad-dar matrimonjali. Din inxtrat waqt iz-zwieg u l-attur jghid fir-rigward ta` din l-ghamara illi "*jiena kont nixtrihom meta kont nahdem minghand wiehed il-Hamrun u kont nitla' nhallsu bil-pagament".* Sostna li proprjeta' ma kienx hemm qabel iz-zwieg u kollox inxtara wara z-zwieg.

Illi l-konvenut Salvatore Gauci xehed ukoll illi xi tliet snin u nofs ilu, huwa kien qieghed jahdem ma kumpanija *"taz-zejt paga kelli Lm750 kull tliet gimghat".*

Illi jghid ukoll illi ghamel diversi snin il-habs fuq serq u prezentement qieghed jistenna li jghaddi guri fuq l-omicidju ta` oht martu, certa Anna Kok.

Illi dwar il-fatt ta` x`wassal lil Rose Gauci titlaq mid-dar, dan ix-xhud jghid *"l-incident li wassal lill-mara tieghi biex titlaq mid-dar kien ghaliex kienet qeghda pogguta ma' Joe*

*Vassallo. Kienet tmur torqod ghandu, kienet tigi filghaxija titfaghli id-drogi biex norqod, tigi ghaliha Anna Kok johorgu, imorru Bugibba u mbaghad tidhol fil-hamsa ta` filghodu".*

Illi mistoqsi jekk qattx kellu jaqsam ma nisa ohra waqt iz-zwieg, huwa jinnega. Dwar l-incident li kien sehh l-Armier fejn il-mara ta` Salvatore Gauci kienet qabditu ma' mara ohra huwa jghid illi *"le ma kellix x`naqsam maghha. Taparsi kont qieghed maghha".*

Illi xehed li huwa prezentement qieghed jghix mat-tifla ta` Anna Kok li ghandha sittax-il sena. Huwa jsostni li meta martu telqet mid-dar hija kienet hadet madwar tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) fi flus. B`dawn il-flus Salvatore Gauci jghid illi martu kellha thallas id-dawl u ilma u *oltre* dan tixtri fridge u cooker ghat-tifla. Pero' minn dan kollu ma ghamlet xejn. Anke deheb taghhom kienet tat b`rahan.

Illi fis-seduta tal-11 ta` Ottubru 2000, xehdet **Doris Camilleri** li tigi oht Rose Gauci. Tghid illi hija kienet tghix hdejn il-kontendenti. Darba fost l-ohrajn, tghid din ix-xhud, it-tliet hutha u cioe Lydia, Rosy u Anna kienu ftehmu biex imorru joqghodu flimkien. Di fatti kienu marru jaraw post il-Marsa, pero' peress illi ma ghogobhomx, huma ma haduhx.

Illi mistoqsija jekk qattx rat lil Salvu Gauci jsawwat lil martu din ix-xhud tghid illi le. Li tiftakar kien incident meta t-tifla tal-kontendenti kienet harget tqila u l-kontendenti kellhom xi jghidu. Rose Gauci kienet telqet ghand ommha u Salvu Gauci beda jghix id-dar mat-tifla. Din it-tifla kienu rabbewha l-kontendenti u dan minn meta kienet mietet ommha li tigi oht Rose Gauci.

Illi kien minn dan iz-zmien li l-kontendenti nfirdu u baqghu jghixu separatament u l-istess xhud in kontro-ezami tghid illi *"Rosy, kellha t-tifel zghir u kienet thallih ghand ohti l-ohra biex johorgu bil-lejl hi u Lydia, u darba minnhom kien il-Hadd fil-ghodu, u giet din ohti, u riedet tohrog. Qaltli*, *"ghamilli pjacir, ghax ghadhom ma gewx ghalih it-tifel".*

*Qaltli "zommuli sakemm jigu ghalih". Ghidtilha "hallih hawn". Hallietu hawn, imbaghad konna fil-gallarija jiena u r-ragel, insomma u t-tfal u gew Rosy u Lydia ma' zewgt' irgiel bil-karozza, u giet ghat-tifel Lydia, lanqas Rosy ma giet, Lydia kienet giet ghat-tifel dakinhar, u r-ragel tieghi ma hax pjacir hux, qalli "izzommilhomx tfal". Din Lydia marret ghat-tfal ma' ragel iehor".*

Illi xehdet ukoll **Louise Farrugia.** Hija tghid illi l-kontendenti jigu z-zijiet taghha. Hija kienet ghamlet madwar 10 xhur tghix maghhom. F'dan il-perjodu, din ix-xhud qatt ma kienet prezenti waqt xi nkwiet li seta' kien hemm mill-kontendenti.

Illi xehed ir-ragel ta' Louise Farrugia, **Charlot Farrugia.** Huwa qal illi kien ikun kwazi kuljum fir-residenza tal-kontendenti. Dan ix-xhud jghid illi kien hemm okkazjonijiet fejn huwa ra lil Rose Gauci tiltaqa' ma' ragel iehor. Darba fejn il-knisja ta' San Frangisk, u darba ohra f'Paceville.

Illi xehed **Lawrence Attard** fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2001, fejn qal illi madwar tnejn u ghoxrin (22) sena ilu huwa kellu relazzjoni ma' Rose Gauci. Din ir-relazzjoni damet madwar tmien (8) xhur. Jghid ukoll illi f'dak iz-zmien zewgha u cjoe' Salvu Gauci, kien jinsab il-habs.

Illi meta xehed fl-istess seduta **Joseph Vassallo** u mistoqsi jekk qatx kellu relazzjoni ma' Rose Gauci l-istess Joseph Vassallo nnegga dan il-fatt ghalkemm ammetta illi kellu hbiberija maghha.

Illi xehdet **Romina McKay**. Tghid illi hija sakemm kellha hmistax (15)-il sena kienet tghix mal-kontendenti. Tghid ukoll illi l-istess kontendenti pero' ma humiex il-genituri taghha. Mistoqsija tghid kif kien il-komportament ta' bejn il-kontendenti quddiemha, hija tghid illi dejjem agixxew normali quddiemha. Darba tiftakar li kienet inqalghet gliedha u Rose Gauci kienet marret ghand ommha. Tghid illi hija ma kenitx tqatta' hafna hin id-dar tal-kontendenti ghax kienet tkun barra.

Illi mistoqsija tghid tafx jekk Rose Gauci kellhiex xi relazzjoni, din ix-xhud tghid illi kien hemm okkazjoni fejn semghet lill-istess Rose Gauci waqt li kienet qed titkellem ma’ Doris Camilleri tghid illi kien hemm persuna ohra. Mistoqsija mill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli jekk qattx semghet li Rose Gauci qatx setghet harget ma’ haddiehor, hija tghid illi qatt ma ratha tohrog ma’ hadd. Dwar Salvu Gauci tghid illi hija kulma tiftakru jahdem kien ghal perjodu ta’ tliet (3) xhur ma’ taz-Zejt, u l-bqija ma tiftakrux jahdem. Tghid illi hija, flimkien mal-kontendenti kienu jghixu bil-paga ta’ Rose Gauci biss.

Illi xehed ukoll **James McKay**, li qal illi huwa meta kien ikun hemm ma kienx hemm xi haga li ma kenitx normali. Jghid di fatti *“normali kont narahom”.* Jghid ukoll li lil Rose Gauci qatt ma raha fil-kumpanija ta’ irgiel ohra.

Illi xehed fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2001 is-**Supretendent Joseph Valletta** li qal illi *“fis-26 ta’ Frar 1997 kienet ghamlet rapport Rose Gauci l-Ghassa l-Hamrun”.* Dan ir-rapport fil-fatt gie esebit u mmarkat bhala Dok. “JV1”. Kompla jghid is-Supretendent illi *“r-rapport ghamlitu Rose Gauci, fejn kienet allegat li zewgha Salvu sawwatha u heddiha li joqtolha”*. Jghid ukoll illi Salvu Gauci kien instab hati fil-guri li kien ghadda u wehel il-habs. Pero’ dan Salvu Gauci kien appella minn din is-sentenza.

## <u>III. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (A) <u>RAGUNI GHAT-TALBA TA’ SEPARAZZJONI.</u>

Illi l-attrici fl-ewwel talba taghha qeghda titlob lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti, u dan qed titolbu minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid *da parte* tal-konvenut. L-istess haga qieghed jitlob il-konvenut odjern fic-citazzjoni minnu ntavolata u li ggib in-numru 719/00 fl-ismijiet inversi minhabba mohqrija, sevizzi gravi, u ngurji u abbandun *da parte* tal-konvenuta (attrici f’din il-kawza).

Illi din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tax-xhieda u dokumentazzjoni kollha tasal biex tghid illi l-partijiet jaqblu li hemm lok ta’ separazzjoni personali u li z-zwieg tfarrak irrimedjabilment. Jinghad ukoll illi mill-provi prodotti ma tantx jirrizulta illi dan kien xi zwieg trankwill, fejn il-konvenut Salvatore Gauci dahal mhux anqas minn tliet darbiet il-habs u fl-ahhar kaz, gie akkuzat, u nstab hati, li qatel lill-oht l-attrici. L-istat ta' tifrik irrimedjabbli li wasal fih dan iz-zwieg hu evidenzjat mix-xhieda moghtija miz-zewg kontendenti. Mix-xhieda johrog car illi l-partijiet jitfghu akkuza wara l-ohra lejn xulxin. L-attrici tghid illi hija kienet il-hin kollu tghix taht tensjoni, li r-ragel taghha kien isawwatha, u li sahansitra kien heddidha kemm-il darba. Hija tkompli tpingi stampa tar-ragel taghha bhala wiehed ghazzien, u li fis-snin kollha ta’ zwieg, kulma hadem kienu ftit xhur. Tghid ukoll illi wehel diversi pieni karcerarji u li sahansitra qabditu ma’ mara ohra. Il-konvenut Salvu Gauci, mill-banda l-ohra, jaghmel l-istess, billi jghid illi l-mara tieghu ossia l-attrici Rose Gauci kkommettiet fost akkuzi ohra adulterju ma’ diversi rgiel.

## <u>(B) L-ALLEGAZZJONI TAL-ADULTERJU.</u>

Illi l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** jghid illi *“Kull parti mizzewga tista’ titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra”.*

Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **“Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe”.** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju *"hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika"* .

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bl-aktar mod car illi Rose Gauci, l-attrici odjerna, ikkommettiet adulterju. Dan huwa konfermat ukoll mix-xhieda ta’ Lawrence Attard li qal illi kellu relazzjoni ta’ tmien (8) xhur mal-attrici u dan waqt li l-konvenut Salvu Gauci kien il-habs.

Illi mill-banda l-ohra, anke l-konvenut jirrizulta illi kellu relazzjoni adultera ghalkemm huwa jipprova jimminimizza dan il-fatt ta’ meta l-attrici kienet qabditu l-Armier ma’ wahda mara billi jghid illi *“le ma kellix x’naqsam maghha. Taparsi kont qieghed maghha”*. Anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, b'dan id-diskors il-konvenut ma kienx qed jghid il-verita', tali diskors kien certament intiz biex joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem b'mod li jammonta ghal ingurja gravi (ara “**Giuseppa Agius vs Pacifico Agius”,** - A.C. - 10 ta' Dicembru, 1951, Kollez.XXXV.I.218).

**<u>(C) Talbiet Attrici.</u>**

Illi pero’ huwa sintomatiku la fit-talbiet attrici, u lanqas fit-talbiet tal-konvenut fil-kawza istitwita minnu fl-ismijiet inversi ma ngabet din ir-raguni bhala l-bazi rispettiva ta’ separazzjoni ta’ bejn il-kontendenti, u ghalhekk din id-decizjoni ma hijiex ser tinkludi l-artikolu fuq indikat fil-konsiderazzjonijiet taghha, izda biss dawk indikati mill-kontendenti fic-citazzjoni rispettiva taghhom u *ai termini* tal-**artikolu 40** minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment, u dan ghaliex il-Qorti tista’ taghmel dan skond l-istess dispozizzjonijiet u ghaliex mill-provi dan jirrizulta minn kull naha konkludentement ippruvat.

Illi d-difensuri tal-kontendenti wkoll talbu li jinghata digriet dwar l-isfilz *o meno* tal-fedina penali tal-konvenut Salvu Gauci a fol. 141 *et seq*. tal-process. Illi din il-Qorti ma tarax raguni ghaliex ghandha tordna l-isfilz ta’ tali dokument, *stante* li jirrizulta li huwa relevanti ghall-kaz in ezami. Il-fedina penali tal-konvenut Salvu Gauci giet esebita mis-Supretendent Joseph Valletta u dan wara li kien gie hekk mitlub jaghmel skond it-tahrika ta’ xhieda li hemm esebita a fol. 126 *et seq*. tal-process. Illi ghalhekk,

minghajr ebda ezitazzjoni l-Qorti tiddeciedi li l-fedina penali tal-konvenut Salvu Gauci ghandha titqies li hija parti mill-provi u ghalhekk kull talba ghall-isfilz tal-istess qed tigi u hija michuda.

Illi minn din il-fedina penali jirrizulta bl-aktar mod car illi l-konvenut gie ikkundanat jaghmel diversi perjodi gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-attrici isemmi fix-xhieda taghha illi hija kienet thossha mhedda u li kienet anke sahansitra taqla' s-swat minghand zewgha l-konvenut. Din il-verzjoni tax-xhieda tal-attrici , mhux biss hija versosimili, izda wkoll kredibbli. Din il-konvinzjoni hija msahha wkoll bil-fatt illi fit-30 ta' Ottubru 1997 il-konvenut Salvu Gauci kien instab hati talli hedded lill-attrici Rose Gauci meta ghamlilha sinjal ta' *revolver* u heddidha li joqtolha. Tant kienu gravi l-akkuzi, illi meta gew ippruvati w instabet htija fir-rigward tal-konvenut Salvu Gauci illi l-Qorti fid-decizjoni taghha obbligat lill-istess konvenut li ma jkellimx u ma jdejjaqx lil Rose Gauci, lil Lydia Zammit, lil Mary Vella u lil Concetta Spiteri taht penali ta' mitt lira Maltija (Lm100) ghal perjodu ta' sena.

Illi ghalhekk mic-cirkostanzi kollha tal-kaz jirrizulta li l-bazi tal-kawza attrici giet ippruvata *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' mohqrija, sevizzi gravi u theddid, b'dan li z-zwieg tkisser irremedjabilment minhabba dan l-agir tal-konvenut li anke ma jidhirx li tant ghamel zmien jahdem waqt l-istess zwieg, hlief ghall-perjodi qosra; min-naha l-ohra l-attrici ma jistax jinghad li kienet ukoll bla htija, u hija wkoll ikkontribwiet ghall-istess tkissir ta' zwieg minhabba sevizzi gravi u ingurji gravi *da parte* taghha fil-konfront tal-konvenut, u ghalhekk iz-zewg partijiet kienu responsabbli ghat-tkissir ta' tali zwieg, b'dan li l-kontendenti llum jinsabu fi stat li l-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irremedjabilment.

**(D) <u>MANTENIMENT.</u>**

Illi t-tieni talba ta' l-attrici tikkoncerna l-kwistjoni dwar il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' manteniment ghall-istess attrici u ghat-tfal minuri taghha. Dwar din l-ahhar

parti tat-tieni talba u cjoe’ dwar il-kundanna tal-hlas ta’ manteniment ghal uliedha minuri jinghad illi din ma tistax tintlaqa’ u dan ghas-segwenti ragunijiet. Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kontendenti ma ghadx ghandhom tfal minuri u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat ta’ twelid ezebit mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. “B”. It-tifel tal-kontendenti Jason twieled fis-17 ta’ Ottubru 1973 u b’hekk meta giet intavolata c-citazzjoni odjerna (fis-16 ta’ Gunju, 1997) huwa diga’ kien qabez it-tmintax (18)-il sena. *Oltre* dan, l-minuri l-ohra, Romina McKay li kien hemm tghix mal-kontendenti lanqas ma hija t-tifla naturali taghhom izda huma rabbewha minghajr ma kienet saret l-ebda formalita’ legali sabiex din tigi dikjarata legalment bhala t-tifla tal-kontendenti. *Oltre* dan, Romina McKay illum-il gurnata ghandha mal-wiehed u ghoxrin (21) sena.

Illi jifdal ghalhekk li jigi deciz il-manteniment dovut lill-attrici mill-konvenut jekk dan ikun il-kaz. L-attrici ma resqitx prova li l-konvenut prezentement qieghed jahdem, kif lanqas ma resqet prova dwar il-bzonnijiet taghha. Illi ghalhekk lanqas din l-ewwel parti tat-tieni talba ma tista’ tintlaqa’. Pero’ qieghed jigi riservat lilha li hija tvanta tali dritt jekk u meta l-konvenut jibda jahdem u jippercepixxi xi ntrojtu .

**<u>(E). KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.</u>**

Illi t-tielet talba tal-attrici tikkoncerna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-affarijiet li kellhom il-kontendenti bejniethom kollha gew akkwistati wara z-zwieg. Dwar dan il-fatt hemm qbil. Jifdal ghalhekk x’jigi deciz kif ser jinqasmu l-affarijiet li ghadhom jinsabu fil-komunjoni ta’ l-akkwisti. Jidher illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti li l-lista li hemm esebita a fol. 23 tal-process u mmarkata bhala Dok. “RG” hija wahda li tindika l-oggetti kollha li ghad fadal fil-komunjoni ta’ l-akkwisti. Illi din il-Qorti, anke in vista ta’ dak li intqal diga’ aktar ‘il fuq f’din is-sentenza qeghda tiddeciedi illi l-attrici ghandha tiehu bhala sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti s-segwenti affarijiet:-

1. Kamra tas-Sodda bajda u l-affarijiet li jmorru fil-kamra tas-sodda.

2. Il-wallunit sewda, is-salott u l-washing machine twintap.
3. Capetta Lucky Charm;

4. 3 pari fili;

5. Gizirana b'affarijiet mdendlin maghha.

6. Nofs l-affarijiet dekorattivi tad-dar.

Illi sehem il-konvenut mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghandu jkun is-segwenti:-

1. Kamra tas-sodda sewda bil-wine u l-affarijiet li jmorru fil-kamra tas-sodda.

2. It-television, il-Video u l-Automatic Washing Machine.

3. Il-kcina, l-cooker u l-fridge.

4. Il-coat hanger, il-kolonna bil-lampshade, l-inkwatri godda u nofs l-affarijiet dekorattivi tad-dar.

Illi din il-Qorti qeghda tiffissa terminu qasir u perentorju ta' wiehed u ghoxrin (21) gurnata mid-data ta' meta tinghata din is-sentenza sabiex il-konvenut jikkonsenja l-oggetti ndikati aktar 'il fuq f'din is-sentenza bhala li huma dovuti lil-attrici .

## (F) <u>OGGETTI PARAFERNALI.</u>

Illi dwar ir-raba' talba tal-attrici, u cjoe' dwar oggetti parafernali, ma jirrizultax, almenu mill-provi prodotti li kien hemm u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal tortijiet u htijiet imputabbli liz-zewg partijiet *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' mohqrija, sevizzi gravi u theddid, b'dan li z-zwieg tkisser irremedjabilment minhabba dan l-agir tal-konvenut u min-naha l-ohra l-attrici kienet hatja *verso* l-konvenut u ghalhekk responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba sevizzi gravi u ngurji gravi *da parte* taghha fil-konfront tal-konvenut, u ghalhekk iz-zewg partijiet kienu responsabbli ghat-tkissir ta' tali zwieg, b'dan li l-kontendenti llum jinsabu fi stat li l-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irremedjabilment.

2. Tichad f'dan l-istadju it-tieni (2) talba attrici ghar-ragunijiet fuq moghtija, *stante* li fl-ewwel lok ma hemmx l-ebda dritt ta' manteniment ghall-minuri, peress li ma jidhirx li ghad baqa' minuri fl-istess zwieg, u dwar t-talba ghall-manteniment ghall-attrici, ma giex ppruvat f'din il-kawza li l-konvenut ghandu xi ntrojtu kwalunkwe b'dan pero' illi qieghed jigi riservat lill-attrici d-dritt illi jekk u meta l-konvenut jibda jahdem u jippercepixxi xi ntrojtu hija jkollha d-dritt li tipprocedi gudizzjarjament kontrih ghall-hlas ta' retta alimentari ghaliha, jekk jigi ppruvat li f'dak l-istadju jkollha dritt ghalih.

3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida w ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti fit-termini ta' **l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** u tordna ghar-ragunijiet fuq moghtija illi s-segwenti assi jigu assenjati lill-attrici a saldu ta' sehmha mill-komunjoni konsistenti (a) Kamra tas-Sodda bajda u l-affarijiet li jmorru fil-kamra tas-sodda, (b) Il-wallunit sewda, is-salott u l-washing machine twintap (c) Capetta Lucky Charm (d) 3 pari fili (e) Gizirana b'affarijiet mdendlin maghha (f) Nofs l-affarijiet dekorattivi tad-dar u tordna wkoll illi s-segwenti assi ghandhom ikunu u jibqghu tal-konvenut u dan a saldu ta' sehmu mill-komunjoni u cjoe' (a) Kamra tas-sodda sewda bil-wine u l-affarijiet li jmorru

fil-kamra tas-sodda (b) It-television, il-Video u l-Automatic Washing Machine (c) Il-kcina, l-cooker u l-fridge (d) Il-coat hanger, il-kolonna bil-lampshade, l-inkwatri godda u nofs l-affarijiet dekorattivi tad-dar. Din il-Qorti qeghda tiffissa terminu qasir u perentorju ta' wiehed u ghoxrin (21) gurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex il-konvenut jikkonsenja l-oggetti ndikati aktar 'il fuq f'din is-sentenza bhala li huma dovuti lil-attrici. Din il-Qorti tapplika l-providementi tal-**artikolu 48 (1) (a)** fil-konfront taz-zewg kontendenti u tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tar-rimanenti u dan peress illi n-nomini rikjesti m'humiex opportuni.

4. Tichad din ir-raba' talba *stante* li din ukoll ma gietx ippruvata u dan fuq indikat;

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**.

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta' Ottubru 2002**

**Mario Debono.**
**Deputat Registratur**
**1 ta' Ottubru 2002.**